# Rebħa storika tannulla l-konċessjoni sigrieta tal-Gvern lill-FKNK

## L-għaqdiet ambjentali jirbħu l-kawża fil-Qorti li tagħti l-Miżieb u l-Aħrax lura lill-pubbliku

Is-sentenza storika mogħtija llum mill-Imħallef Lawrence Mintoff li tiddikjara bħala nulla l-konċessjoni sigrieta tal-Gvern li tat l-artijiet tal-Miżieb u l-Aħrax lil-lobby tal-kaċċaturi hija rebħa storika għall-ġustizzja soċjali u n-natura, u tibgħat messaġġ ċar lill-Gvern li r-rieda politika tista' tiġi implimentata biss fil-parametri legali.

BirdLife Malta, Din L-Art Helwa, Friends of the Earth Malta, il-Moviment Graffitti, l-Assoċjazzjoni tar-Ramblers ta' Malta u l-Professur Edward Mallia huma sodisfatti immens li din il-kawża fil-Qorti ntrebħet u li saret ġustizzja mal-poplu ta' Malta u man-natura. Sostnut minn protesta qawwija min-naħa tal-pubbliku fil-pajjiż kollu kontra l-aħbar li meded kbar ta' art kienu qed jingħataw bil-moħbi lill-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK), din id-deċiżjoni tal-Qorti hi tassew waħda storika. L-Avukati Dr Claire Bonello, Dr Joseph Ellis u Dr Martin Farrugia kienu kapaċi juru fil-Qrati ta' Malta kemm dan il-ftehim sigriet kien inġust u illegali, għax il-meded kbar ta' art fl-Aħrax u l-Miżieb kienu se jitgawdew biss minn ftit mijiet ta' kaċċaturi matul ix-xhur twal ta' staġuni tal-kaċċa f'Malta għad-detriment tal-pubbliku ġenerali.

Issa li l-ftehim ġie annullat mill-Qrati, il-ħames eNGOs jitolbu li l-Gvern jaċċetta din is-sentenza u jiddikjara minnufih li din l-art kollha hija żona pubblika s-sena kollha. L-eNGOs jappellaw ukoll lill-Gvern biex jagħti kas tat-talbiet ġenerali, mill-oqsma kollha tas-soċjetà tagħna, biex iħares in-

natura u jikkonserva l-ispazji miftuħa tagħna. Issa huwa ż-żmien li jintwera impenn veru lejn dan il-valur.

BirdLife Malta, Din L-Art Ħelwa, Friends of the Earth Malta, il-Moviment Graffitti u l-Assoċjazzjoni tar-Ramblers f'Malta flimkien ma' diversi NGOs oħra li jappoġġjawhom, se jibqgħu impenjati li jiġġieldu akkost ta' kollox kontra l-inġustizzji lejn in-natura u n-nies. "Illum niċċelebraw rebħa kbira, imma nkomplu naħdmu ħafna għal aktar!"

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ritratti:** (Ritratti ta' BirdLife Malta)
**1-2** Ritratti tal-Miżieb u l-Aħrax
**3-4** Ritratti mis-sit-down protest li kienet saret mill-koalizzjoni Spazji Miftuħa f'Ottubru 2020 fil-Belt Valletta kontra l-ftehim sigriet